

Brussell, 13 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9174/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0097 (BUD)**

**FIN 665
SOC 253**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8779/26
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (EGF/2025/009 BE/Soliver)

- *Approvazzjoni*

1. Fit-30 ta' April 2026, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 07/2026¹.
2. L-għan tal-proposta huwa li timmobilizza l-ammont ta' EUR 2.13 miljun fl-ambitu tal-FEG biex tiġi sodisfatta applikazzjoni mill-Belġju biex il-Fond jintuża biex jipprovdi assistenza għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' 803 benefiċjarji fil-mira wara s-sensji ta' ħaddiema fil-kumpanija Soliver N.V. fil-Belġju (manifattur ta' ħġieġ tal-karozzi b'teknoloġija avvanzata), f'konformità mal-kriterji ta' intervent stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/691².

¹ Id-dokument 8782/26.

² Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2026 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jagħti parir lill-Kunsill japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 9175/26.
-